**K**UMMISSJONI **N**AZZJONALI **P**ERSUNI B'**D**IZABILITÀ

**N**ATIONAL **C**OMMISSION **P**ERSONS WITH **D**ISABILITY

**MALTA**

*Stqarrija ghall-Media Kollha*

21 ta' Marzu 2003

***<u>Messagg ghall-Jum il-Zghazagh fis-Sena Ewropea tal-Persuni b'Dizabilita`</u>***

Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita` (KNPD) temmen li f'Jum iz-Zghazagh, specjalment din is-Sena Ewropea tal-Persuni b'Dizabilita` 2003, ghandha d-dover li titlob lis-Socjeta` Maltija tieqaf ftit u tahseb ukoll fuq iz-zghazagh b'dizabilita`.

Il-Kummissjoni taqbel li f'dawn l-ahhar snin il-persuni b'dizabilita` inkluz iz-zghazagh kellhom diversi zviluppi posittivi. L-aktar tnejn ta' min isemmi huma :

a) L-introduzzjoni tal-*Ligi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Dizabilita`),* li permezz taghha zghazagh, li jhossuhom iddiskriminati minhabba d-dizabilita` taghhom, issa jistghu jitolbu ghal rimedju gust; u
b) l-implimentazzjoni tal-politika ta' *edukazzjoni inklussiva* fejn studenti b'dizabilita` qed jiehdu l-edukazzjoni taghhom flimkien ma' studenti bla dizabilita`.

Il-Kummsisjoni temmen li dan kollu qed iservi ta' gid mhux biss ghaz-zghazagh b'dizabilita` imma ukoll ghas-Socjeta` kollha.

Il-Kummissjoni ukoll temmen li l-politika inklussiva li bdejna fis-sistema edukattiva taghna ghandha titkompla sal-ahhar snin tal-edukazzjoni, fid-dinja tax-xoghol u f'dik tad-divertiment. F'dawn l-oqsma, il-Kummissjoni thoss li s-Socjeta` Maltija ghad fadliha hafna x'taghmel biex iz-zghazagh b'dizabilita` verament ikollhom opportunitajiet indaqs.

Fil-prezent qed titfassal politika nazzjonali dwar iz-zghazagh. Il-Kummissjoni tinsisti li, bhal kull politika ohra, il-bzonnijiet differenti taz-zghazagh b'dizabilita` ghandhom ikunu inkluzi f'din il-politika u jinghataw il-prijorita` li jisthoqqilhom.



Centru Hidma Socjali, Triq Braille, Sta. Venera HMR 18, MALTA
Telefon: 487789 · 448521 · 245952 Fax: 484609 Text telefon: 446536
Centru: 441311, ext. 218 Email: helpdesk@knpd.org

Il-Kummissjoni ukoll qed taghti s-sehem shih taghha f’dan il-qasam biex tizdied il-partecipazzjoni taz-zghazagh b’dizabilita` fis-Socjeta` taghna. Ghal din is-Sena, il-Kummissjoni organizzat seminar residenzjali ghall-persuni b’dizabilita` bit-tema *“Xejn Dwarna Minghajrna”* li l-maggoranza tal-partecipanti kienu attivisti zghazagh b’dizabilita`. F’Ottubru li gej, il-Kummissjoni ser torganizza *skambju Ewromediterranju* ta’ zghazagh b’dizabilita`.

Fil-waqt li napprezzaw dak li sar s’issa f’dawn l-oqsma, il-Kummissjoni theggeg lil dawk kollha li jistghu jinfluwenzaw id-decizjonijiet biex inkomplu nahdmu flimkien halli z-zghazagh b’dizabilita`, bhal zghazagh ohra, jkollhom sehem shih fis-Socjeta` taghna.